MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Numru 470/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Roland Cassar**

v

**JURGEN XERRI**
**DONNA CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputatu **JURGEN XERRI** ta’ sebgha w ghoxrin sena, bin Carmel u Mary nee Spiteri, imwieled Pieta nhar d-dsatax ta’ Dicembru 1978 u residenti ‘Tulip House’, Triq Balbi, Marsa, detentur tal-karta tal-identita numru 151479M u **DONNA CAMILLERI,** ta’ dsatax il-sena bint Victor u Cettina nee Caruana, imwielda Pieta nhar l-hamsa ta’Ottubru 1986 u residenti Block XIV, Flt 15, Trejqet l-Ward, Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identita numru 457586M gew imressqa quddiemha akkuzati talli

nhar il-Gimgha, hamsa ta’ Mejju 2006, fi Triq Zerafa, Hamrun, ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta’ filghaxija kkommettew serq ta’ stereos minn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LCI 735 liema serq huwa aggravat bil-mezz li ma jeccedix l-mitt lira maltin [sebghin lira maltin] ghad-dannu ta’ Anton Debono detentur tal-karta tal-identita numru 574065M u talli kkagnaw hsara voluntarja fl-ammont ta’ ghaxar liri maltin.

Talli **Jurgen Xerri wahdu** sar recidiv b’sentenza li saret definittiva moghtija nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Jannar 2005 mill-Magistrat Dottor Tonio Micallef Trigona.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi tordna lil imputati jhallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-fedina penali tal-imputati.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmintax ta’ Mejju 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din l-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq biex jekk iridu jerga lura minnha u kien wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issbhom t-tnejn hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena:

1. Ic-cirkostanzi tal-kaz in partikolari li l-imputati ikkoperaw bis-shih mal-prosekuzzjoni tul dawn l-investigazzjonijiet odjerni;

2. L-ammissjoni bikrija tal-imputati sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

3. Illi l-hsarat de quo kienu minimi;

4. Li l-ammont ta’ serq kien wiehed zghir u li r-res furtiva u cioe l-istereo in kwistjoni gie ritornat lis-sid legittimu tieghu.

Ghalhekk **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 284, 285, 325(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li ssib lil imputat JURGEN XERRI hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu fuq ammissjoni tieghu stess, u tiddecidi li tpoggih taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal ta’ Probation ghall-perjodu ta’ sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Fir-rigward tal-imputata **DONNA CAMILLERI** tiddikjara li ssibha hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati lilha fuq ammissjoni taghha, **u tiddecidi li tpoggiha taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tmintax [18] il-xahar mill-llum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tinnomina kandidat ideali ghal dan il-ghan**.

**Il-Qorti qed tobbliga liz-zewg imputati probationers sabiex jkomplu jgibu ruhhom tajjeb, jghaddu hajja ta' bzulija u joqghodu ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttiva li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentawx certu postijiet u/jew certi nies u li ghandhom jibqghu jzommu kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtihom minn zmien ghal zmien.**

**Tobbliga wkoll li z-zewg imputati probationers jidhru quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat, kull erbgha [4] xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilhom mill-stess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationers.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jhallas l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti rat li ebda espert ma gie nominat fil-kors tal-kumpilazzjoni w ghalhekk, in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Trevor Zahra deciza nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar, 1996, tichad tali talba.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputati l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqsu li josservawha, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------